



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2011/0172(COD)

21.12.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-
effiċjenza enerġetika u li tirrevoka d-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE
(COM(2011)0370 – C7-0168/2011 – 2011/0172(COD))

Rapporteur: Edite Estrela

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-effiċjenza enerġetika hija waħda mill-aspetti ewlenin tal-inizjattiva ewlenija “Ewropa ta' Riżorsi Effiċjenti” mħabbra fl-istrateġija Ewropa 2020. Kif hemm imfisser fil-qosor fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Pjan Direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050”, l-effiċjenza enerġetika hija waħda mill-aspetti tal-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li tista' tgħin biex jinħolqu impjiegi ġodda kemm għall-ġejjieni qrib u kemm fuq tul ta' żmien medju, permezz ta' aktar edukazzjoni, taħriġ, programmi biex tiġi inkoraġġita l-aċċettabilità tat-teknoloġiji l-ġodda, ir-R&Ż u l-intraprenditorija.

Din il-proposta għal direttiva tenfasizza li ċ-ċaqliqa lejn ekonomija li tkun aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija se ttejjeb ukoll il-kompetittività tal-industrija fl-Unjoni, filwaqt li tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u toħloq impjiegi ta' kwalità għolja f'diversi setturi marbuta mal-effiċjenza enerġetika. Bil-għan li jitneħħew l-ostakoli mhux regolatorji għall-effiċjenza enerġetika, qed jiġu proposti wkoll miżuri bħalma huma l-provvediment ta' edukazzjoni, taħriġ u taħrif speċifiku u għajjnuna teknika dwar l-effiċjenza enerġetika. Mill-perspettiva tar-Rapporteur għal opinjoni, din il-proposta għal direttiva tista' tirrappreżenta opportunità biex tiġi enfasizzata l-importanza tal-aċċess tan-nisa f'taħriġ speċjalizzat bil-għan li jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika u tinholq il-possibilità biex in-nisa jiġu impjegati f'dawn l-impjiegi ġodda tal-ġejjieni fis-setturi relatati mal-effiċjenza enerġetika.

Aspett ieħor li jkun enfasizzat minn din l-opinjoni hu li l-Istati Membri għandhom ukoll jippromwovu objettiv soċjali fi ħdan il-miżuri maħsuba biex jilħqu l-miri tagħhom fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, billi jinkludu miżuri li jridu jiġu implimentati fl-unitajiet domestiċi milquta mill-faqar enerġetiku u fl-akkomodazzjoni soċjali. Għandhom jiġu pprovduti miżuri u inċentivi speċifiċi għall-gruppi soċjali vulnerabbli, ħalli dawn l-unitajiet domestiċi jkunu jistgħu jgħollu l-livell tal-effiċjenza enerġetika ta' darhom u jnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija. Dawn il-miżuri għandhom jiġu mfassla b'tali mod li jqisu wkoll il-perspettiva tal-ugwaljanza tas-sessi.

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

(3a) Fl-2010 l-Kummissjoni adottat strateġija għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Ewropa fejn immirat b'mod partikolari li tagħmel użu aħjar tal-potenzjal tan-nisa, biex b'hekk jingħata kontribut għall-għanijiet ekonomiċi u soċjali ġenerali tal-UE. Il-fatt li n-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-settur tal-enerġija u n-nuqqas ta' approċċi u domandi speċifiċi għal kull sess jistgħu jiġu osservati fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali; konsegwentement, u bil-għan li jimplimentaw fil-livell nazzjonali l-istrateġija tal-UE li tirrigwarda l-ugwaljanza tas-sessi, l-Istati Membri huma meħtieġa jintegraw din l-istrateġija fis-sens ta' eżaminar tal-politiki kollha biex isiru magħrufa l-impatti differenti tagħhom fuq in-nisa u l-irġiel inkluża r-riċerka dwar l-enerġija u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-enerġija fi djalogu mill-qrib mal-industrija, l-istituzzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-enerġija.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Għadd ta' muniċipalitajiet u ta' korpi pubbliċi oħrajn fl-Istati Membri diġà stabbilixxew approċċi integrati għall-iffrankar tal-enerġija u għall-provvista tal-enerġija, pereżempju permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli, bħal dawk li ġew żviluppatti taħt l-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, u approċċi urbani integrati li jmorru lil hinn minn interventi

Emenda

(16) Għadd ta' muniċipalitajiet u ta' korpi pubbliċi oħrajn fl-Istati Membri diġà stabbilixxew approċċi integrati għall-iffrankar tal-enerġija u għall-provvista tal-enerġija, pereżempju permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli, bħal dawk li ġew żviluppatti taħt l-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, u approċċi urbani integrati li jmorru lil hinn minn interventi

individwali fil-bini jew fil-mezzi ta' trasport. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-muniċipalitajiet u lil korpi pubbliċi oħrajn *sabiex* jadottaw pjanijiet integrati u sostenibbli għall-effiċjenza enerġetika b'għanijiet ċari, *sabiex* jinvolvu liċ-ċittadini fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom u *sabiex jinformawhom* b'mod adegwat dwar il-kontenut u l-progress tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet. Dawn il-pjanijiet jistgħu jipproduċu ffrankar konsiderevoli ta' enerġija, speċjalment jekk jiġu implimentati permezz ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija li jippermettu li l-korpi pubbliċi kkonċernati jiġġestixxu aħjar il-konsum tal-enerġija tagħhom. L-iskambju tal-esperjenzi bejn il-bliet u korpi pubbliċi oħrajn għandu jkun inkoraġġit *b'relazżjoni għal* esperjenzi iktar innovattivi.

individwali fil-bini jew fil-mezzi ta' trasport, *sabiex jiġu ddisinjati "bliet u reġjuni b'konsum baxx ta' enerġija". Dan il-kunċett ta' "bliet u reġjuni b'konsum baxx ta' enerġija" jikkunsidra l-kwestjonijiet tal-enerġija bħala komponent essenzjali tal-iżvilupp urban u reġjonali integrat fil-proċessi lokali demokratiċi u ta' governanza.. Bħala prekondizzjoni għall-pjanijiet lokali integrati u sostenibbli għall-effiċjenza enerġetika*, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu *lill-awtoritajiet lokali jiddefinixxu tali strateġiji għall-iżvilupp lokali abbażi ta' djalogu mal-partijiet interessati pubbliċi, kummerċjali u soċjali, inklużi s-sħab soċjali. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-muniċipalitajiet u lil korpi pubbliċi oħrajn jadottaw pjanijiet integrati u sostenibbli għall-effiċjenza enerġetika b'għanijiet ċari, li jinkludu wkoll miżuri speċifiċi biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika għall-gruppi soċjali vulnerabbli, inkluż minn perspettiva li tqis is-sessi, jinvolvu l-partijiet interessati lokali, inklużi s-sħab soċjali u liċ-ċittadini fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom biex jipprovdu programmi ta' edukazzjoni u taħriġu lill-ħaddiema u lill-intraprendituri biex iġhinuhom jżviluppaw il-ħiliet meħtieġa, u jinformaw lilhom u liċ-ċittadini* b'mod adegwat dwar il-kontenut u l-progress tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet. Dawn il-pjanijiet jistgħu jipproduċu ffrankar konsiderevoli ta' enerġija, speċjalment jekk jiġu implimentati permezz ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija li jippermettu li l-korpi pubbliċi kkonċernati jiġġestixxu aħjar il-konsum tal-enerġija tagħhom. L-iskambju tal-esperjenzi bejn il-bliet *kbar u żgħar* u korpi pubbliċi oħrajn *kif ukoll mas-sħab soċjali u bejniethom* għandu jkun inkoraġġit *fir-rigward ta'* esperjenzi iktar innovattivi.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) Il-biċċa l-kbira tal-iffrankar tal-enerġija fid-djar isir min-nisa. Huwa importanti li r-responsabilità u t-taħriġ tan-nisa jiġu promossi u li jinħolqu esperti tekniċi u ambjentali tal-enerġija li jistgħu jikkontrollaw u jsegwu l-effiċjenza enerġetika tal-immaniġġjar tal-bini privat.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Valutazzjoni tal-possibbiltà li tkun stabbilita skema ta' "ċertifikati bojod" fuq il-livell tal-Unjoni wriet li, fis-sitwazzjoni kurrenti, sistema ta' din ix-xorta toħloq spejjeż amministrattivi eċċessivi u li hemm riskju li l-iffrankar tal-enerġija jkun ikkonċentrat f'għadd ta' Stati Membri u ma jiġix introdott fl-Unjoni kollha. L-għan tal-aħħar jista' jintlaħaq aħjar, għall-inqas f'dan l-istadju, permezz ta' skemi nazzjonali ta' obbligi ta' effiċjenza enerġetika, jew miżuri alternattivi oħra li jilhqqu l-istess ammont ta' ffrankar ta' enerġija. Il-Kummissjoni, madankollu, għandha tiddefinixxi, b'att iddelegat, il-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru fil-ġejjieni jista' jirrikonoxxi l-iffrankar tal-enerġija miksub fi Stat Membru ieħor. Huwa xieraq għal-livell ta' ambizzjoni ta' skemi ta' din ix-xorta li dawn ikunu stabbiliti f'qafas komuni fuq il-livell tal-Unjoni filwaqt li tkun ipprovduta flessibbiltà sinifikanti lill-Istati Membri sabiex tkun ikkunsidrata b'mod sħiħ l-organizzazzjoni nazzjonali tal-atturi tas-

(18) Valutazzjoni tal-possibbiltà li tkun stabbilita skema ta' "ċertifikati bojod" fuq il-livell tal-Unjoni wriet li, fis-sitwazzjoni kurrenti, sistema ta' din ix-xorta toħloq spejjeż amministrattivi eċċessivi u li hemm riskju li l-iffrankar tal-enerġija jkun ikkonċentrat f'għadd ta' Stati Membri u ma jiġix introdott fl-Unjoni kollha. L-għan tal-aħħar jista' jintlaħaq aħjar, għall-inqas f'dan l-istadju, permezz ta' skemi nazzjonali ta' obbligi ta' effiċjenza enerġetika, jew miżuri alternattivi oħra li jilhqqu l-istess ammont ta' ffrankar ta' enerġija. Il-Kummissjoni, madankollu, għandha tiddefinixxi, b'att iddelegat, il-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru fil-ġejjieni jista' jirrikonoxxi l-iffrankar tal-enerġija miksub fi Stat Membru ieħor. Huwa xieraq għal-livell ta' ambizzjoni ta' skemi ta' din ix-xorta li dawn ikunu stabbiliti f'qafas komuni fuq il-livell tal-Unjoni filwaqt li tkun ipprovduta flessibbiltà sinifikanti lill-Istati Membri sabiex tkun ikkunsidrata b'mod sħiħ l-organizzazzjoni nazzjonali tal-atturi tas-

suq, il-kuntest speċifiku tas-settur tal-enerġija u d-drawwiet tal-klijenti finali. Il-qafas komuni għandu jagħti lill-utilitajiet tal-enerġija l-għażla li s-servizzi ta' enerġija jiġu offruti lill-klijenti aħħarin kollha, mhux biss lil dawk li huma jbigħulhom l-enerġija. Dan iżid il-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija għaliex l-utilitajiet tal-enerġija jistgħu jiddifferenzjaw il-prodott tagħhom billi jipprovdu servizzi ta' enerġija komplementari. Il-qafas komuni għandu jippermetti wkoll li l-Istati *Membri*, jinkludu fl-iskema nazzjonali *tagħhom*, rekwiżiti li jkollhom għan soċjali, b'mod partikolari sabiex ikun żgurat li ***l-klijenti*** vulnerabbli *jkollhom* aċċess għall-benefiċċji ta' effiċjenza enerġetika oġhla. Il-qafas għandu jippermetti wkoll lill-Istati Membri biex jeżentaw kumpaniji żgħar mill-obbligu tal-effiċjenza enerġetika. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar", tistabbilixxi prinċipji li għandhom ikunu kkunsidrati mill-Istati Membri li jiddeċiedu li jastjenu milli japplikaw din il-possibbiltà.

suq, il-kuntest speċifiku tas-settur tal-enerġija u d-drawwiet tal-klijenti finali. Il-qafas komuni għandu jagħti lill-utilitajiet tal-enerġija l-għażla li s-servizzi ta' enerġija jiġu offruti lill-klijenti aħħarin kollha, mhux biss lil dawk li huma jbigħulhom l-enerġija. Dan iżid il-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija għaliex l-utilitajiet tal-enerġija jistgħu jiddifferenzjaw il-prodott tagħhom billi jipprovdu servizzi ta' enerġija komplementari. Il-qafas komuni għandu jippermetti wkoll li l-Istati *Membri* jinkludu fl-iskema nazzjonali *tagħhom* rekwiżiti li jkollhom għan soċjali, b'mod partikolari ***billi jipprovdu miżuri u inċentivi speċifiċi*** sabiex ikun żgurat li ***l-gruppi soċjali*** vulnerabbli, ***bħalma huma n-nisa u l-irġiel xjuħ jew b'diżabilità, il-ġenituri mingħajr sieħeb u unitajiet domestiċi bi dħul baxx***, *ikollhom* aċċess għall-benefiċċji ta' effiċjenza enerġetika oġhla ***u li l-impatt tal-ispejjeż tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fuq il-kontijiet tal-konsumaturi aħħarija jiġi mtoffi***. Il-qafas għandu jippermetti wkoll lill-Istati Membri biex jeżentaw kumpaniji żgħar mill-obbligu tal-effiċjenza enerġetika. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar", tistabbilixxi prinċipji li għandhom ikunu kkunsidrati mill-Istati Membri li jiddeċiedu li jastjenu milli japplikaw din il-possibbiltà.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Għandu jkun disponibbli għadd suffiċjenti ta' professjonisti affidabbli li jkunu kompetenti fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha ta' din id-Direttiva, pereżempju fir-rigward

Emenda

(30) Għandu jkun disponibbli għadd suffiċjenti ta' professjonisti affidabbli li jkunu kompetenti fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha ta' din id-Direttiva, ***filwaqt li tiġi żgurata l-***

tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-awditi tal-enerġija u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta' ċertifikazzjoni għall-fornituri tas-servizzi ta' enerġija, għall-awditi tal-enerġija u għal miżuri oħrajn għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika.

parteċipazzjoni ugwali kemm tal-professjonisti nisa u kemm tal-professjonisti rġiel, pereżempju fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-awditi tal-enerġija u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi ta' ċertifikazzjoni għall-fornituri tas-servizzi ta' enerġija, għall-awditi tal-enerġija u għal miżuri oħrajn għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) It-tfal tal-lum huma l-ħaddiema, l-inġiniera, l-arkitetti, l-intraprendituri u l-utenti tal-enerġija ta' għada. Id-deċiżjonijiet li jieħdu se jinfluwenzaw il-mod kif is-soċjetà se tipproduċi u tuża l-enerġija fil-ġejjieni. L-educazzjoni dwar l-enerġija, għalhekk, hija importanti sabiex il-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni jkunu jistgħu jiġu mgħallma kif jistgħu, permezz tal-istil tal-ħajja u l-imġiba personali tagħhom, jikkontribwixxu għall-konsum effiċjenti tal-enerġija.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 33 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33a) Għandhom jiġu pprovduti riżorsi xierqa biex jiġu appoġġjati programmi speċifiċi ta' edukazzjoni, taħriġ u taħrif li jqisu wkoll il-perspettiva li tikkunsidra s-sessi. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jadattaw il-kurrikol tal-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

tagħhom biex jirriflettu l-ħtiġijiet ġodda fir-rigward ta' kwalifiki, filwaqt li jiżguraw aċċess u parteċipazzjoni indaqs għal dawn l-iskemi ta' taħriġ u gwida u tagħrif speċifiċi kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mill-1 ta' Jannar 2014, tiġi rrinovata kull sena 3 % mill-erja totali tal-art li tkun il-proprjetà tal-korpi pubbliċi tagħhom sabiex ikunu ssodisfati mill-inqas ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat b'applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/31/UE. Ir-rata ta' 3 % għandha tkun ikkalkolata fuq l-erja totali tal-art tal-bini **li jkollu erja totali ta' iktar minn 250 m² ta' art utilizzabbli** li tkun il-proprjetà tal-korpi pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat li, fl-1 ta' Jannar ta' kull sena, ma tissodisfax ir-rekwiżiti minimi nazzjonali tal-prestazzjoni tal-enerġija stabbiliti b'applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/31/UE.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mill-1 ta' Jannar 2014, tiġi rrinovata kull sena 3 % mill-erja totali tal-art li tkun il-proprjetà tal-korpi pubbliċi tagħhom sabiex ikunu ssodisfati mill-inqas ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat b'applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/31/UE. Ir-rata ta' 3 % għandha tkun ikkalkolata fuq l-erja totali tal-art tal-bini li tkun il-proprjetà tal-korpi pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat, **inkluża l-akkomodazzjoni soċjali** li, fl-1 ta' Jannar ta' kull sena, ma tissodisfax ir-rekwiżiti minimi nazzjonali tal-prestazzjoni tal-enerġija stabbiliti b'applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/31/UE.

Emenda

1a. Il-proċessi parteċipattivi għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu mfassla b'tali mod li kulħadd ikun jista' jieħu sehem fil-bidla tal-enerġija. In-nisa

b'mod partikolari jehrieg li jiġu integrati f'dawn il-proċessi, peress li huma n-nisa li prinċipalment jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell privat u li huma l-utenti ewlenin tal-enerġija effiċjenti fl-unitajiet domestiċi privati, u permezz tal-interazzjoni ta' kuljum tagħhom fil-familja huma jqiegħdu s-sisien għall-użu konxju u sostenibbli tal-enerġija mill- membri tal-familja.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jadottaw pjan għall-effiċjenza enerġetika, awtonomu jew bħala parti minn pjan klimatiku jew ambjentali iktar ġenerali, li jinkludi għanijiet speċifiċi għall-iffrankar tal-enerġija, sabiex l-effiċjenza enerġetika tal-korp tittejjeb kontinwament;

Emenda

(a) jadottaw pjan **integrati u sostenibbli** għall-effiċjenza enerġetika, awtonomu jew bħala parti minn pjan klimatiku jew ambjentali iktar ġenerali, li jinkludi għanijiet speċifiċi għall-iffrankar tal-enerġija **kif ukoll miżuri speċifiċi biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku** sabiex l-iffrankar u l-effiċjenza enerġetika tal-korp tittejjeb kontinwament;

Emenda 11

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) L-Istati Membri għandhom jinkludu rekwiżiti b'mira soċjali fl-obbligi ta' ffrankar li huma jimponu, inkluż billi jirrikjedu miżuri li għandhom jiġu implimentati f'unitajiet domestiċi li huma milquta mill-faqar enerġetiku jew li jinsabu f'akkomodazzjoni soċjali, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet tal-gruppi soċjali vulnerabbli u jipprovdu inċentivi xierqa biex jgħollu l-livell tal-effiċjenza

enerġetika tal-unità domestika tagħhom.

Emenda 12

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) jinkludu rekwiżiti b'għan soċjali fl-obbligi ta' ffrankar li jimponu huma, inkluż billi jeżiġu li proporzjon tal-miżuri jiġu implimentati fi djar affettwati mill-faqar fl-enerġija jew fl-akkomodazzjoni soċjali;

imħassar

Emenda 13

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-Istati Membri huma mistiedna jinkorporaw il-ħiliet tan-nisa fil-qasam taż-‘żamma tad-dar sostenibbli’. Huma jinsabu f’qagħda li jipprovdu edukazzjoni u pariri fuq il-post. L-edukazzjoni tkun tinkludi, pereżempju, xirjiet ippjanati biex jiġi evitat ix-xiri ta’ kwantitajiet mhux xierqa, l-użu konxju tal-ikel biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, filwaqt li tingħata attenzjoni lill-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika meta jkun qed jinxtara apparat elettriku domestiku, it-tisħin u l-ventilazzjoni xierqa u l-użu konxju tal-enerġija tal-apparat elettriku domestiku.

Emenda 14

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. L-Istati Membri jikkontribwixxu inter alia permezz ta' finanzjament adegwat ta' programmi ta' taħriġ, biex jiġi żgurat li drittijiet tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni jestendu espliċitament biex jinkludu l-effiċjenza enerġetika.

Emenda 15

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 10a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10a. Il-Kummissjoni tikkontribwixxi inter alia permezz tal-inklużjoni ta' kapitoli ddedikat għall-effiċjenza enerġetika fil-programmi tat-taħriġ għas-sħab soċjali u permezz tal-finanzjament adegwat ta' dawn il-programmi, għall-iżgurar li l-ambitu tar-responsabilità tal-korpi tad-djalogu soċjali Ewropew (Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, kunitati Ewropej tad-djalogu soċjali settorali, il-ħiliet tal-impjiegi tal-kunsilli tax-xogħlijiet Ewropej) jiġi estiż biex jinkludi l-effiċjenza enerġetika.

Emenda 16

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawn il-miżuri sabiex jitneħħew l-ostakli jistgħu jinkludu l-għoti ta' inċentivi, ir-revoka jew l-emendi ta' dispożizzjonijiet legali jew regolatorji, jew l-adozzjoni ta' linji gwida u ta' komunikazzjonijiet interpretattivi. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu kkombinati mal-għoti ta' edukazzjoni, taħriġ kif ukoll ma' informazzjoni u

Dawn il-miżuri sabiex jitneħħew l-ostakli jistgħu jinkludu l-għoti ta' inċentivi, ir-revoka jew l-emendi ta' dispożizzjonijiet legali jew regolatorji, jew l-adozzjoni ta' linji gwida u ta' komunikazzjonijiet interpretattivi. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu kkombinati mal-għoti ta' edukazzjoni, taħriġ kif ukoll ma' informazzjoni u

assistenza teknika speċifiċi *jdwar* l-
effiċjenza enerġetika.

assistenza teknika speċifiċi *dwar* l-
effiċjenza enerġetika ***li jqisu wkoll il-
perspettiva tal-ugwaljanza tas-sessi.***

Emenda 17

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***L-Istati Membri huma mistiedna jieħdu
miżuri adegwati biex jippromwovu l-
edukazzjoni dwar l-enerġija fil-familji, fl-
iskejjel u fis-soċjetà, b'enfasi partikolari
dwar kif kull individwu jista' jikkontribwixxi għal użu aktar effiċjenti u
sostenibbli tal-enerġija permezz tal-imġiba
personali tiegħu.***

PROĊEDURA

Titolu	Effiċjenza enerġetika, revoka tad-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE
Referenzi	COM(2011)0370 – C7-0168/2011 – 2011/0172(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 7.7.2011
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 17.11.2011
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Edite Estrela 3.10.2011
Data tal-adozzjoni	20.12.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Andrea Češková, Marije Cornelissen, Silvia Costa, Tadeusz Cymański, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Zita Gurmai, Mikael Gustafsson, Mary Honeyball, Lívía Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nicole Kiil-Nielsen, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Barbara Matera, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Antonyia Parvanova, Raül Romeva i Rueda, Nicole Sinclaire, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Marc Tarabella, Britta Thomsen, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kent Johansson, Christa Kläß, Mariya Nedelcheva, Angelika Werthmann